# AKTAR TAGHRIF DWAR IL-KWADRI TA' MATTIA PRETI FIL-BAZILIKA TA' SAN GORG

minn Eugene F. Montanaro

**DAĦLA**

Ħaġa li tolqtok fl-istorja tal-Bażilika ta' San Ġorġ hija li għal mijiet ta' snin kull min tħajjar jikteb dwar grajjietha aktarx li għamel eloġju fuq il-preġju artistiku tal-kwadri meqjumin fiha. Il-viżti pastorali tas-sekli sbatax u tmintax, li jinżlu f'ħafna dettalji dwar il-Knisja ta' San Ġorġ, jitkellmu dwar dawn il-kwadri b'mod li jagħmel ġieh kbir lil din il-Parroċċa. Dan it-tifħir kompla jiżdied fil-kitbiet tal-Kanonku Giovanni Pietro Agius De Soldanis (1712 - 1770), l-aktar fil-manuskritt tiegħu, **Il Gozo Antico-Moderno E Sacro-Profano.** Imbagħad, beda jixxandar tagħrif dwar il-mertu ta' dawn il-kwadri permezz ta' kotba stampati (**printed books**) - ċaqliqa fis-seklu dsatax li kibret f'mewġa sħiħa f'dawn l-aħħar ħamsin sena!

Matul is-seklu dsatax, il-kwadri meqjumin fil-Parroċċa ta' San Ġorġ bdew iqanqlu l-interess u l-ammirazzjoni ta' bosta kittieba li tħajjru jiktbu kotba għall-użu tat-turisti. Ngħidu aħna, fl-1830, Giuseppe Pericciuoli Borzesi minn Siena għoġbu jikteb dan li ġej dwar ir-Rabat t'Għawdex: **Also the female hospital and the Churches of St. Agostino, St.Francesco and St. Giorgio are worthy of observation, especially the paintings in the latter. These are as follows, viz: The principal painting, by Cav. Calabrese. The two side paintings, by Francesco Zahra, a Maltese....**[1] U madwar 36 sena wara, Achille Ferris kiteb dan l-eloġju fuq il-kwadri fil-Parroċċa ta' San Ġorġ: **La Chiesa di San Giorgio e' adorna di pitture eccellenti. Il quadro prinċipale, rappresentante San Giorgio a cavallo, e' opera insigne del celebre Mattia Preti, eseguita dalla liberalità del governatore del Gozo, il sullodato Commendatore Corduba. Il quadro da altare, che rappresenta le Anime Purganti, e' un altro pregevole lavore del medesimo Preti, fatto a spese del Sig. Giovanni Gurgion, nel 1688.....'**[2]

Kif qegħdin taraw, l-istoriċi li kitbu dwar il-Knisja ta' san Ġorġ, x'aktarx li dejjem għażlu li jfakkru b'mod speċjali żewġ kwadri ta' Mattia Preti, meqjumin b'għożża kbira f'din il-Parroċċa: il-kwadru titulari ta' San Ġorġ fuq l-Altar tal-Kor, u l-kwadru tal-Madonna bil-Bambin u l-Erwieħ tal-Purgatorju, magħruf fost il-poplu bħala l-kwadru "Tal-Erwieħ". Is-suġġett ta' dan l-artiklu huwa tabilħaqq marbut ma' dawn iż-żewġ kwadri. Imma qabel ma ngħaddu 'l quddiem iktar, jidhirli li aħjar ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar Mattia Preti.

**MATTIA PRETI (1613 - 1699)**

Mattia Preti twieled f'Taverna, belt tal-Calabria, Italja, fl-24 ta' Frar 1613. Qabel ma ġie Malta, Preti ġera ħafna ma' l-Italja, u għex u ħadem għal xi żmien kemm f'Ruma kif ukoll f'Napli. Il-letteratura moderna dwar Mattia Preti titfa' ħafna dawl ġdid fuq il-ħajja u l-ħidma artistika ta' dan il-pittur. Ħajtu tinfirex kemm-kemm mhux għal matul is-seklu sbatax kollu! Nafu li pitter għadd sabiħ ta' kwadri. Imma mbagħad jeħtieġ jingħad illi d-dokumentazzjoni għal bosta kwadri attribwiti lilu, mhux ċara għall-aħħar u dan il-fatt ħoloq bosta problemi fil-qasam tal-kronoloġija tax-xogħlijiet tiegħu. Fuq kollox, il-kritiċi tal-Arti dejjem jinsistu dwar il-qagħda mwiergħa tal-istorja tal-iżvilupp artistiku ta' dan il-magħruf pittur.

L-istoriċi jgħarrfuna li Mattia Preti wasal Ruma madwar l-1635, sabiex jiltaqa' ma' ħuh, Gregorio Preti, li kien pittur ukoll, Studja l-pittura u kiseb il-maturità artistika tiegħu f'Ruma, Venezja u Emilia. Tgħallem ħafna mix-xogħlijiet ta' bosta pitturi, fosthom Caravaggio, Lanfranco, Guercino, Luca Giordano u Paolo Veronese. Imma għalkemm xorob minn daqstant egħjjun u ġenju varjat, Mattia Preti b'ħila kbira rnexxielu jikseb persobalità artistika indipendenti, u niċċa ewlenija fl-istorja tal-pittura

tal-Ewropa. Il-kritiċi moderni jagħmlu enfasi kbira fuq il-kwadri ta' Mattia Preti meta jiġu biex jannalizzaw il-qagħda tal-pittura f'Napli għal matul is-seklu sbatax; fil-fehma ta' dawn il-kritiċi, Mattia Preti fetaħ it-triq biex setgħet iseħħ il-bidla **"from high baroque to late baroque style - the latter, decorative phase of baroque painting prevailed at the end of the (seventeenth) century, and was the basis for the 18th-century Rococo".**[3]

Biex jifraħ f'ħajtu Mattia Preti kellu ħafna. Dak kien żmien meta l-familji aristokratiċi u l-għonja kienu bi flushom iħallsu xogħlijiet ta' l-arti u b'hekk iħaddmu l-ġenju li, jekk ma jsibx min jagħmillu l-qalb, min isaħħnu bi ftit imħabba, imut. Issa, milli jidher, meta kien Ruma, Preti sab l-għajnuna tal-familja Barberini, filwaqt illi mis-sena 1660 'il quddiem, beda jkun megħjun mill-familja Ruffo ta' Calabria. X'aktarx li kien bis-saħħa tal-familja Barberini li, fl-1641, Mattia Preti ġie maħtur Cavaliere d'Obbedienza fi ħdan l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann.[4] Din il-ġrajja wasslet biex dan il-pittur magħruf jibda jissejjaħ **Il Cavaliere Calabrese,** u dana f'ġieħ il-**patria** tiegħu, il-Calabria.

Milli jidher, fl-1650, Mattia Preti kien diġa' kiseb il-fama tiegħu ta' pittur fil-Belt Eterna. Tabilħaqq, f'dik l-istess sena, hu rebaħ kummissjoni ta' prestiġju meta ntgħażel biex ipitter l-affreski dwar "Il-Martirju ta' Sant'Andrija", fil-Knisja ta' Sant'Andrea della Valle. Imma mbagħad, bejn is-snin 1653 - 1660, Mattia Preti pitter l-aqwa xogħlijiet tiegħu f'Napli, kwadri li jixhdu l-maturità artistika tiegħu, u l-ħila tal-ġenju tiegħu biss.

F'Napli, Mattia Preti pitter il-kwadru stupend ta' San Ġorġ, li l-lum nistgħu nammiraw fil-Kappella tal-Kavalieri ta' Aragona, fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Jingħad li dan il-kwadru wasal Malta fl-1657. bosta snin wara li ġie mpitter minn Mattia Preti.[5]

Madankollu, Mattia Preti kellu xewqa kbira li jiġi jaħdem f'Malta, taħt il-paroċinju tal-Ordni ta' San Ġwann. Għedtilkom li f'Ruma, Preti kien kiseb il-ġieħ ta' Cavaliere d'Obbedienza. Milli jidher, issa hu xtaq jikseb "promotion"; xtaq jilħaq Cavaliere di Grazia fi ħdan l-istess Ordni ta' San Ġwann. M'ghandniex xi ngħidu, din ix-xewqa ta' Mattia Preti li jiġi jgħammar f'Malta setgħet kienet motivata wkoll minn raġunijiet oħra, fosthom it-tama li f'giżiritna hu kien jakkwista bosta kummissjonijiet. Kif igħidilna l-istoriku John Spike, Mattia Preti x'aktarx tħajjar jiġi jgħix f'gżiritna għaliex **"Malta promised him steady employment, without competition, and the honour of a prestigious knighthood".**[6]

Issa l-Granmastru Martin de Redin (1657 - 1660) u l-Kavalieri ta' San Ġwann kien jidhrilhom illi s-saqaf tal-Knisja Konventwali tagħhom, kellu jiġi mżejjen b'xeni li jirrappreżentaw ġrajjiet mill-ħajja tal-Patrun tagħhom, San Ġwann Battista. U f'Napli, il-Kavallier Fra Giovanni Brancaccio kien tal-fehma li għal dan ix-xogħol kien imissu jkun imqabbad il-pittur Mattia Preti. Bejn April u Awissu tas-sena 1659, Preti ghamel żjara qasira f'Malta, u ħejja xi disinji għal dan il-proġett.[7]

Imma matul din il-mawra qasira tiegħu f'Malta, Mattia Preti mill-ewwel fittex li jikseb xi kummissjonijiet minn fost il-Maltin ukoll. Issa ġara illi dak iż-żmien, il-fratelli tas-Sodalità delle Anime Purganti kienu qegħdin jieħdu ħsieb iżejnu mill-aħjar li jistgħu l-Knisja tagħhom "Tal-Erwieħ", quddiem il-Parroċċa ta' Porto Salvo, jew aħjar quddiem il-Knisja tà' San Duminku, fi Triq Merkanti, il-Belt Valletta. Dawn il-fratelli qabbdu lil Mattia Preti sabiex ipitter il-kwadru titulari "Tal-Erwieħ" fuq l-Altar tal-Kor tal-Knisja tagħhom. Għal dan ix-xogħol, Preti ġie mħallas is-somma sabiħa ta' 298 **scudi.**[8] Mattia Preti għalhekk pitter dan il-kwadru



*Mattia Preti, **Le Anime Purganti** (c.1659), Knisja Tal-Erwieħ, Valletta.*

"Tal-Erwieħ" tal-Belt Valletta, madwar 28 sena qabel ma pitter dak bl-istess tema għall-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex!

Mattia Preti reġa' lura lejn Malta f'Settembru tas-sena 1661, u waqqaf ir-residenza tiegħu fil-Belt Valletta. Baqa' jgħix f'Malta sal-ġurnata tal-mewt tiegħu, minbarra għal mawra qasira f'Taverna u x'aktarx f'Ruma wkoll, fis-sena 1672.[9] Fil-15 ta' Settembru 1661, Preti ġie nominat Cavaliere di Grazia fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann, u b'hekk waħda mit-tamiet kbar ta' ħajtu ġiet imwettqa.

Malli wasal Malta, Mattia Preti ntefa' b'ruħu u ġismu fuq ix-xogħol tad-dekorazzjoni tas-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Ix-xogħol sar kollu bil-kuluri taż-żejt fuq il-ġebla Maltija, u joffri spettaklu sħiħ dwar il-ħajja ta' San Ġwann Battista, u l-Qaddisin u l-Eroj tal-Ordni ta' San Ġwann. Preti dam jaħdem fuq dan il-proġett mill-1661 sa Diċembru tas-sena 1666. U l-istoriku John Spike ifakkarna li din il-pittura fuq is-saqaf tal-Knisja ta' San Ġwann, hi tabilħaqq **"a work that was already recognized by Filippo Baldinucci (1694) as one of the major monuments of 17th-century Italian painting".**[10]

Il-Kavalieri tal-Ordni ta' San Ġwann komplew iħaddmu lil Mattia Preti sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet artistiċi tal-knejjes tagħhom. Ngħidu aħna, Preti ġie mqabbad iħejja d-disinn għall-bini tal-Knisja ġdida "Ta' Sarria" fil-Furjana, u mbagħad bejn l-1677 u l-1678, hu pitter mhux inqas minn seba' kwadri għall-istess Knisja, fosthom il-kwadru titulari ta' Marija Immakulata. Min-naħa l-oħra, Preti baqa' jikseb kummissjonijiet mingħand patruni ta' l-Arti fl-Italja, u l-istoriċi jgħarrfuna li hu tabilħaqq bagħat minn Malta, kwadri mpittra minnu nnifsu għall-bosta bliet tal-Italja, fosthom Taverna, belt twelidu.

Imma l-anqas nistgħu nħallu barra l-għadd kbir ta' kwadri li Mattia Preti pinġa għall-Parroċċi ta' Malta u Għawdex. U hawnhekk nidħlu fil-qalba tas-suġġett ta' dan l-artiklu. Kif igħidilna l-istoriku Valerio Mariani, madwar is-sena 1678, Mattia Preti pitter il-kwadru titulari ta' San Ġorġ għall-Parroċċa dedikata lil dan il-Qaddis fir-Rabat, Għawdex. Imbagħad, kif sejrin narawh madwar axar snin wara, Preti pinġa l-kwadru tal-Madonna u l-Erwieħ tal-Purgatorju, għall-istess Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Għawdex.

Mattia Preti miet fit-3 ta' Jannar 1699, u ndifen fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Skond tradizzjoni kostanti, il-mewt ħasdet lil Preti meta hu kienet qed jaħdem fuq il-kwadru titulari ta' San Ġorġ tal-Parroċċa ta' Ħal Qormi: **Tradition states that the artist was at work on the altarpiece of St. George (Parish Church, Qormi) when death finally stayed his hand.**[11] Tabilħaqq, il-ħidma artistika ta' Mattia Preti f'Malta ma waqfet qatt. Din il-ħidma ntemmet biss bil-mewt tiegħu, u għalhekk f'gżiritna tinfirex għal perijodu ta' madwar 37 sena!

Fil-fehma tagħna, din il-bijografija qasira ta' Mattia Preti tiġbor fiha bosta elementi li jservu sabiex aħna lkoll nkunu nistgħu napprezzaw aħjar iż-żewġ kwadri li dan il-pittur imżejjen b'dak il-ġenju li ħabbu ma' kulħadd, pinġa għall-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex.

## DOKUMENTAZZJONI

F'kotra ta' kitbiet dwar l-Arti f'pajjiżna, bosta kwadri huma attribwiti lil Mattia Preti. Imma l-istoriċi ta' l-Arti jgħidulna li aħna ma għandhiex nilqgħu bil-għama dak kollu li naqraw dwar dawn l-attribuzzjonijiet. Jeħtieġ li dawn il-kitbiet ngħarbluhom b'sens kritiku. Fost ħwejjeġ oħra, irridu niftakru li matul dak il-perijodu ta' żmien li Mattia Preti kien igħix u jaħdem f'Malta, hu kellu l-għajnuna ta' xi allievi. Bir-raġun kollu, għalhekk, Mariella Utili tgħidilna: **Non e' casuale che soltanto le opere inoppugnabilmente documentate di questa fase siano riuscite a guadagnare l'unanimità della critica.**[12]

Issa d-dokumentazzjoni dwar iż-żewġ kwadri ta' Mattia Preti meqjumin fil-bażilika ta' San Ġorġ, tinsab miġbura bir-reqqa minn John Bezzina fiż-żewġ kotba tiegħu, **Il-Kwadru Titulari Ta' San Ġorġ M. Fl-Istorja u Fil-Ħsieb Tal-Mattia Preti** (1973) u **Il-Pittura Fil-Bażilika Ta' san Ġorġ - Storja u Tifsir** (1965). Din l-istess dokumentazzjoni dan l-aħħar reġgħet ġiet miġbura mill-istoriku John Spike f'għamla ta' Appendiċi għall-artiklu tiegħu, **Mattia Pretis Pictorial Career.**[13]

Kont intawwal ħafna li kelli nerġa' nsemmilkom hawnhekk din id-dokumentazzjoni kontemporanja, jew aħjar dokumentazzjoni mfassla ftit tas-snin biss wara li tpittru dawn iż-żewġ kwadri ta' San Ġorġ u "Tal-Erwieħ". Imma hu tabilħaqq xieraq li nfakkru dokumentazzjoni dwar il-kwadru "Tal-Erwieħ", li xxandret għall-ewwel darba minn John Spike. Din id-dokumentazzjoni - miġbura f'manuskritt fil-kollezzjoni privata tal-mibki Chev. Joseph Galea, jew aħjar f'kopja ta' rapport ta' Viżta Pastorali li saret fl-1680, fi żmien l-Isqof Michele Molina (1678-1682) tixhed b'mod l-aktar ċar li l-kwadru "Tal-Erwieħ" meqjum fil-bażilika ta' San

Ġorġ, hu tassew tal-pittur Mattia Preti. Il-manuskritt li jiġbor fih din id-dokumentazzjoni, u li hu ċitat minn John Spike bħala manuskritt "Molina/Galea", nkiteb madwar is-sena 1700, u jgħidilna dan li ġej: **Si vede a destra il p.o. Cappellone intagliato da Giuseppe d'Avola assai pulito, e il quadro dell'anime del SS.mo. Purgatorio fu fatto nel 1688: a spese Gioe' Gorgione de mano del Cav. Fr. Mattia Preti.**[14]

Imma mhux hekk biss. L-esperti tar-restawr Francesca Maletto u Sandra Pesso jgħarrfuna li taħt żewġ figuri mpittra fil-kwadru "Tal-Erwieħ", jidhru żewġ dati: **Sotto le due figure sono visibili due date, a sinistra 1666 o 1686, essendo la terza cifra di difficile lettura, mentre sulla destra e' chiaramente legibile 1688.**[15] Issa din l-aħħar data, i.e.m 1688, taqbel għall-kollox ma' dik imsemmija fis-silta tal-manuskritt "Molina/Galea", li ghadna kemm semmejna.

Minbara dan, madwar l-1745, il-Kanonku Agius De Soldanis kiteb dan li ġew dwar il-kwadru "Tal-Erwieħ" fil-Parroċċa ta' San Ġorġ: **Il-secondo (Altare) e' consacrato all'Anime Sante del Purgatorio, il quadro ch'e' ben grande e' della mano del menzionato Cav. Mattias Preti, a spese del fù Giovanni Gourgion, collocato nel 1688.**[15] Qabel xejn, f'din is-silta jolqotna dak iċ-ċertu sens ta' intimità li bih De Soldanis jgħarrafna li dan il-kwadru kien ħallas għalih, Giovanni Gourgion, li kien għadu kif miet. Milli jidher, fi żmien De Soldanis, kulħadd fir-Rabat ta' Għawdex kien għadu jiftakar b'din l-għotja ta' Giovanni Gourgion. Imma x-xhieda tal-Kanonku Agius De Soldanis dwar l-awtur tal-kwadru "Tal-Erwieħ", kif ukoll dwar is-sena li dan il-kwadru tqiegħed f'postu, hi waħda tassew importanti. Ngħidu għaliex. De Soldanis kien Prokuratur attiv ħafna tal-Altar tal-Erwieħ, u f'din il-kariga tiegħu kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' dan l-Altar, u deher ukoll fuq bosta kuntratti notarili li permezz tagħhom dan l-altar ġie mżejjen b'xogħlijiet ta' l-Arti. Imma dak li hu l-aktar importanti f'dan il-kuntest, hu l-fatt illi hu kellu f'idejh ir-reġistri tas-**Sodalità delle Anime Purganti**, u kif tafu tajjeb, il-qofol tal-istorja ta' dan l-Altar tinsab miktuba f'dawn ir-reġistri, b'mod partikolari fil-**Libro delle Consulte** u fil-**Libro Esito.**

Tabilħaqq, id-dokumenti li semmejna s'issa kollha jixhdu illi Mattia Preti lesta. l-kwadru "Tal-Erwieħ" madwar is-sena 1688.

Xieraq jingħad ukoll li jeżistu żewġ verżjonijiet oħra tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Molina tal-1680: A.C.M. (Vol. 180) u N.L.M. (Vol.422). U f'dawn iż-żewġ manuskritti, aħna nsibu li l-kwadru titulari ta' San Ġorġ hu tal-magħruf pittur Kalabriż Mattia Preti. Sejrin hawnhekk nġibu silta mill-manuskritt miżmum fl-Arkivju tal-Kattidral tal-Mdina: **Con l'assistenza del Cavaliere Fr. D. Francesco Cordova, Governatore e' stata portata a perfezione, quale, a sue spese, ha fatto il quadro principale di San Giorgio, di mano del celebre Pittore Fr. Mattia Preti, e abbellita di famose pitture dello stesso Cavaliere Mattia.**[16] U ta' min igħid hawnhekk illi din is-silta nkitbet ftit tas-snin biss wara li tpitter dan il-kwadru.

M'hemmx għalfejn nitħaddtu iżjed fit-tul fuq dan. Dawk li għandhom rieda tajba malajr jifhmu illi d-dokumentazzjoni dwar il-kwadri ta' Mattia Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ mhux biss teżisti, imma hi waħda li tista' torbot fuqha!

**KITBIET TAL-ISTORIĊI TA' L-ARTI**

Kif tafu tajjeb, il-fehmiet tal-istoriċi ta' l-Arti għandhom qawwa speċjali meta niġu biex nqisu l-awtentiċità jew il-verità sħiħa dwar ir-rabta ta' xi kwadru ma' xi artist partikolari. Għal argument ta' attribuzzjoni, għandu jitfittex materjal speċjalizzat f'dan il-qasam. Għalhekk, xieraq li nagħtu ħarsa ħafifa lejn dak li kitbu xi storiċi ta' l-Arti dwar dawn iż-żewġ kwadri fil-bażilika ta' San Ġorġ.

L-istoriku ta' l-Arti Valerio Mariani, fil-ktieb tiegħu **Mattia Preti A Malta** (1929), kiteb dan li ġej dwar il-kwadru titulari ta' San Ġorġ: **Dell'anno seguente o poco dopo - (intorno cioe' al 1678) sembra possa essere la pala d'altare nella Chiesa di S. Giorgio nell'Isolotto di Gozo.**[17] Issa kif rajna aktar 'il fuq, id-dokumentazzjoni dwar dan il-kwadru tgħidilna li kien il-Gvernatur ta' Għawdex, il-Kavalier Fra Francesco De Cordova, li ħallas għalih minn butu. U nafu wkoll illi De Cordova kien Gvernatur ta' Għawdex għal matul il-perjodu 1676 - 1678.[18] Meta tqis kollox, ikollok taqbel ma' Valerio Mariani li Mattia Preti tabilħaqq pitter il-kwadru titulari ta' San Ġorġ ta' Għawdex madwar l-1678.

It-tieni nett, insemmu x-xhieda tal-Avukat John A. Cauchi li, meta kien Kuratur tal-fergħa ta' l-Arti tal-Mużew Nazzjonali ta' Malta, wasslilna t-tagħrifa li l-kwadru titulari ta' san Ġorġ fil-Bażilika tagħna, hu tabilħaqq xogħol tal-magħruf pittur Mattia Preti. Din it-tagħrifa nsibuha miġbura fl-Appendiċi **"Works By Mattia Preti In Malta (Accessible To The Public)"**, li l-Avukat John A. Cauchi kien ħejja għall-artiklu tiegħu, **Mattia Preti** (1970).[19] Issa fil-fehma ta' Maurizio Marini, dan l-artiklu ta' l-Avukat

John A. **"....restores a first significative biographical profile, as well as a reliable outline in the co-ordination of the artist's Maltese works of public concern".**[20] Kif qegħdin taraw, ix-xhieda tal-Avukat John A. Cauchi tgawdi l-ogħla rispett fost l-istudjużi tax-xogħlijiet ta' Mattia Preti.

Minbarra dan, l-istoriku ta' l-Arti Mario Buhagiar wkoll għażel li jfakkar b'mod speċjali ż-żewġ kwadri ta' Mattia Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dwar il-kwadru titulari, Mario Buhagiar kiteb dan li ġej; **On Gozo, the most publicized work of the master is the titular painting of the collegiate basilica of St. George. It depicts the warrior-saint at the moment of victory over the repulsive dragon....**[21]

Inqas magħruf fost l-istudjużi tal-ħidma artistika ta' Mattia Preti f'Malta, għad li xejn anqas importanti, huwa l-kwadru "Tal-Erwieħ" fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Imma nistgħu ngħidu mingħajr tlaqliq illi dan il-kwadru wkoll sab il-post xieraq li jistħoqqlu fil-letteratura moderna dwar Mattia Preti. Tabilħaqq, dan il-kwadru ta' Mattia Preti nsibuh trattat b'mod stupend minn Mario Buhagiar fl-artiklu tiegħu, **Paintings In Gozo - A Concise Analytical History** (1990).[22]

Infakkarkom ukoll illi l-kwadru titulari ta' San Ġorġ kif ukoll il-kwadru "Tal-Erwieħ", jissemmew fl-**Unpublished Documents For Malta Preti's Works In Malta,** ġabra ta' manuskritti pubblikata mill-istoriku John Spike ma' l-artiklu tiegħu, **Mattia Preti's Pictorial Career** (1989).[23]

Kif qegħdin taraw, iż-żewġ kwadri ta' Mattia Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ, huma magħrufa sew kemm fost l-istudjużi ta' l-Arti Maltin kif ukoll fost dawk barranin, u għalhekk illum tistħoqqilhom fil-wisa' din it-tifkira li qed nagħmlulhom.

## TIXBIHIET

Kif għedna, Mattia Preti waqqaf ir-redidenza tiegħu f'Malta fl-1661, u baqa' jgħammar f'gżiritna sal-ġurnata ta' mewtu. Issa, milli jidher, din il-ġrajja żiedet tkabbar l-imħabba tiegħu lejn Taverna, belt twelidu, u qanqlitu jitħabat sabiex lil belt twelidu jgħaddiha 'l quddiem fil-ġieh u fil-qima. Wara kollox, l-emigrant x'aktarx jibqa' jħoss ruħu miġbud lejn art twelidu, li tiġbdu lejha qisha kalamita! Kien x'kien, l-istoriċi jgħarrfuna li meta kien igħix f'Malta, Mattia Preti pitter bosta kwadri għall-knejjes ta' Taverna: **Dall'isola inizia a inviare le tele ai diversi committenti, comprese quelle dipinte per la città natale.**[24] U tabilħaqq, skond John Spike, **"Nearly all the altarpieces of the two most important churches in Taverna, San Domenico and Santa Barbàra, were painted by Preti".**[25]



*Mattia Preti, Madonna degli angeli, (267 x 190 cm), Chiesa di San Domenico, Taverna.*

Imma, tgħidulu għalfejn qed nsemmi dawn il-kwadri ta' Mattia Preti fil-belt ta' Taverna? Għal ħaġa waħda. Iż-żewġ kwadri li Mattia Preti pitter għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, għandhom għadd ta' elementi stilistiċi u xejriet oħra li jixhdu ċerta qrubija mal-kwadru tal-**Madonna Degli Angeli,** li Mattia Preti pinġa fl-1661 għall-Knisja ta' San Domenico ta' Taverna.

Fil-quċċata tal-kwadru tal-**Madonna Degli Angeli** ta' Taverna, tidher ix-xbieha mdawwla tal-Madonna bil-Bambin, mdawwra bis-sħab u l-anġli. Taħt ix-xbieha tal-Madonna, fuq in-naħa tax-xellug int u tħares lejn il-kwadru, Mattia Preti pitter il-figura nobbli ta' San Mikiel Arkanġlu, filwaqt illi fin-naħa

tal-lemin tal-kwadru tispikka x-xbieha ta' San Franġisk Ta' Assisi, li qed iħaddan kurċifiss ma' sidru. Dan il-kwadru ftit li xejn hu magħruf fost il-Maltin u l-Għawdxin. Imma l-istoriku ta' l-Arti Luigi Tassoni jagħmel ċerta enfasi fuqu meta jitkellem dwar l-użu tas-simboliżmu fil-kwadri ta' Mattia Preti: **Il-valore di tale segno costruttivo, didascalico, che tende a riempire il più possibile la tela, fra i tanti esempi può ritrovarsi nella "Madonna Degli Angeli" della Chiesa di San Domenico a Taverna, dipinta nel 1661 che e' l'anno in cui Mattia si trasferisce a Malta. Cito quest'opera, fra le tante, sopratutto per il tentativo in essa manifesto di conciliare la coesistenza delle figure (San Francesco d'Assisi con la croce, San Michele Arcangelo con la spada), mantenute, come sovente gli accade di fare, ognuna nel proprio spazio.**[26]

Imma dak li hu interessanti ħafna għalina hu l-fatt illi t-tifsil tax-xbieha ta' San Ġorġ fil-kwadru titulari tal-Bazilika tagħna, joqrob ħafna lejn il-kompożizzjoni tal-figura ta' San Mikiel Arkanġlu fil-kwadru tal-Madonna **Degli Angeli** ta' Taverna. Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, ninnotaw ċertu xebħ fil-qagħda ġenerali (**stance**) taż-żewġ xbihat, fil-moviment tal-idejn, iżda fuq kollox fit-tifsil tal-ilbies. Fiż-żewġ xbihat, il-qagħda tal-id tal-lemin u l-ġest li bih l-istess id iżżomm ix-xabla misluta, huma tabilhaqq identiċi. Hemm xebħ kbir ukoll fil-qagħda tar-riġel taż-żewġ xbihat, mill-irkoppa 'l isfel.

Imbagħad, jekk nistudjaw iż-żewġ xbihat b'aktar reqqa, jispikka x-xebħ fit-tifsil tal-elmu, tal-korazza, tal-ġeżwiera (**tunica**), tas-sandli (**caliga**), kif ukoll ix-xebħ fit-tifsil tal-mantell ma' ġenb l-irkoppa tal-lemin.

M'għandniex xi ngħidu, ix-xbiha ta' San Ġorġ mhix xi kopja fidila f'kollox tal-figura ta' San Mikiel fil-kwadru tal-**Madonna Degli Angeli** ta' Taverna. Ngħidu aħna, fix-xbieha ta' San Ġorġ, l-id tax-xellug tidher terfa' t-tarka, filwaqt li fix-xbieha ta' San Mikiel, l-id tax-xellug qed iżżomm il-katina li biha l-Arkanġlu San Mikiel jaħkem id-demonju. Imma meta tqis kollox, ikollok tgħid li f'dawn iż-żewġ kwadri, Mattia Preti pinġa l-istess xbieha nobbli ta' gwerrier rebbieħ, jgħaffeġ l-għadu tiegħu taħt saqajh!

Imma mhux hekk biss. Fil-fehma tagħna, il-kompożizzjoni tax-xbieha tal-Madonna fil-kwadru "Tal-Erwieħ" meqjum fil-Bażilika ta' San Ġorġ, toqrob ħafna lejn dik tal-figura tal-Madonna fil-kwadru tal-**Madonna Degli Angeli** ta' Taverna. Fil-quċċata ta' dawn iż-żewġ kwadri tidher il-Madonna bil-bambin Ġesù bil-qiegħda fuq is-sħab u mdawwra bl-anġli. Milli jidher, fil-quċċata ta' dawn iż-żewġ kwadri, Mattia Preti x'aktarx uża l-istess teknika tal-effett tad-dawl u tad-dell fil-pittura, u b'hekk fiż-żewġ kwadri x-xbieha tal-Madonna tidher kollha dija u sovrana. F'dan il-kuntest, araw x'igħidilna Mario Buhagiar dwar il-kwadru "Tal-Erwieħ": **The Virgin and Child appear in a glow of brilliant light to form the apex of a pyramid....**[27] Fiż-żewġ kwadri ninnotaw ukoll ċertu xebħ fit-tifsil tal-mant mtajjar tal-Madonna, fin-naħa tal-lemin int u tħares lejn il-kwadri.

Issa dan ix-xebħ li jorbot iż-żewġ kwadri ta' Mattia Preti meqjumin fil-Bażilika ta' San Ġorġ mal-kwadru tal-**Madonna Degli Angeli** ta' Taverna, nistgħu ngħidu li seħħ kollu accident? L-anqas xejn minn dan. Fil-fehma ta' bosta studjużi ta' l-Arti, il-lwadri li Mattia Preti pinġa f'Malta ma jirriflettux biss ix-xejriet naturali tiegħu ta' pittur. Fihom ninnotaw taħlita ta'



*Dettal mill-Kwadru ta' Taverna*



*Dettal mill-Kwadru Titulari ta' San Ġorġ*

elementi oħra. Tabilħaqq, dawn il-kwadri huma wkoll mera tal-esperjenza u l-ħidma artistika tiegħu tal-imgħoddi, u tal-ambjent li trawwem fih qabel ma żar pajjiżna:

**Il lungo, elegante, laborioso e a volta contraddittorio operare di Mattia a Malta presenta non poche insidie per il critico, giacche' questo quasi quarantennale soggiorno nell'isola rappresenta per il pittore una sorta di crogiolo delle esperienze precedenti....**[26] Ta' min igħid ukoll illi matul dan l-istess perjodu ta' żmien, Mattia Preti kemm-il darba għamel użu ta' xbiħat u skemi li kienu ġa dehru fi kwadri oħra tiegħu ta' l-imgħoddi. Kif tgħidilna Mariella Utili, **"Repliche più o meno trasformate, particolari ripetuti qusi in forma di moduli, la maestria di una vena smaliziata e duttile, concorrono a costruire un insieme di prodotti di complessa decifrazione, modellati verosimilmente alle esigenze particolari dei committenti....."**[28] Kif qegħdin taraw, mela, dan it-tixbih li ġibtilkom x'aktarx li mhux mibni fuq ix-xejn!

M'għandniex xi ngħidu, aħna nħallu f'idejn l-esperti ta' l-Arti biex jagħtuna kwadru aktar ċar u xjentifiku dwar it-tixbiħiet li semmejna f'dan l-artiklu. Aħna nifhmu illi l-konfront bejn il-kwadri li semmejna ma jistax isir biss fuq il-bażi ta' ritratti fotografiċi. Qabel xejn, jeħtieġ li ssir analisi aktar profonda u xjentifika tal-kwadru tal-**Madonna Degli Angeli** ta' Taverna - ngħidu aħna, analisi tat-teknika u l-kulurit ta' dan il-kwadru. Imma ghalina biżżejjed jekk b'dan l-artikolu ngħinu biex 'il quddiem ħaddieħor ikun jista' jżid miegħu u jagħti, għall-ġid tal-poplu tagħna, l-istorja sħiħa li ghad trid tinkiteb dwar il-kwadri ta' Mattia Preti meqjumin fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

## RIFERENZI


1. Giuseppe Pericciuoli Borzesi of Siena, **The Historical Guide To The Island Of Malta And Its Dependencies,** Malta, 1830, p.86.
2. Achille Ferris, **Descrizione storica Delle Chiese Di Malta E Gozo,** Malta, 1866, p.554.
3. Ara John T. Spike, **Mattia Preti's Pictorial Career** fil-ktieb **Mattia Preti** (Ed. Erminia Croce), Rome, 1989, p.15.
4. Ara Federica Piccirillo, **Notes For A Documented Biography** fil-ktieb **Mattia Preti** (Ed. Erminia Croce), Rome, 1989, p.52
5. Ara John A. Cauchi, **Mattia Preti** fil-ktieb **The Order Of St. John In Malta - With An Exhibition Of Paintings By Mattia Preti, Painter And Knight (Thirteenth Council Of Europe Art Exhibition),** Malta, 1970, p.76.
6. John T. Spike, **op. cit.,** p.32.
7. Ara Luigi Tassoni, **Mattia Preti E Il Senso Del Disegno,** Bergamo, 1990, p.28.
8. Ara John T. Spike, **op.cit.,** p.31. Madankollu, il-kwadru "Tal-Erwieħ" meqjum fil-bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex, ftit li xejn tista' xxebbħu ma' dan il-kwadru titulari mpitter minn Mattia Preti u meqjum fil-Knisja Tal-Erwieħ tal-Belt Valletta!
9. Ara Luigi Tassoni, **op. cit.,** p.44.
10. Ara John T. Spike, **op. cit.,** p.15.
11. **Ibid.,** p.44.
12. Mariella Utili, **AA.VV., Civiltà Del Seicento A Napoli,** Electa, 1984, p.169.
13. Ara John T. Spike, **Unpublished Documents For Mattia Preti's Works In Malta** fil-Ktieb **Mattia Preti** (Ed. Erminia Croce), Rome, 1989, p.50.
14. Ara John T. Spike, **op. cit.,** p.50, no.28.
15. Ara Francesca Maletto u Sandra Pesso fir-Rapport **Studio Preliminare E Preventivo Di Spese Di Nove Opere Site Nella Basilica Di San Giorgio,** Gozo-Malta, 1991, p.n.n.
16. A.C.M., 180, f.399.
17. Valerio Mariani, **Mattia Preti A Malta,** Roma, 1929, p.73. Valerio Mariani kien konvint illi Mattia Preti nnifsu pinġa l-kwadru titulari tal-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Tabilħaqq, hu ma naqasx li jsemmi l-kwadru ta' San Ġorġ meqjum f'din il-Parroċċa, **fl-Elenco Delle Pitture Di Mattia Preti Tuttora Esistenti A Malta;** dan **l-Elenco** jinsab fl-Appendiċi tal-ktieb tiegħu **Mattia Preti A Malta** (p.79), ċitat f'din l-istess Nota.
18. N.L.M., **Lib. Bullarum** Vol.485, f.211.
19. John A. Cauchi, **op.cit.,** p.85.
20. Maurizio Marini, **Mattia Preti, His Vision And His Followers** fil-ktieb **Mattia Preti** (Ed. Erminia Croce), Rome, 1989, p.157, footnote 1.
21. Mario Buhagiar, **Paintings In Gozo - A Concise Analytical** History fil-ktieb **Gozo - The Roots Of An Island,** (Ed. Charles Cini), Malta, 1990, pp.93-95.
22. **Ibid., p.95.**
23. John T. Spike, **op. cit., p.50.**
24. Luigi Tassoni, **Mattia Preti E Il Senso Del Disegno,** Bergamo, 1990, p.44.
25. John T. Spike, **op.cit.,** p.44.
26. Luigi Tassoni, **La Giovinezza Di Mattia Preti E L'Eros Secentesco,** Catanzaro, 1989, p.39.
27. Mario Buhagiar, **op.cit.,** p.95.
28. Mariella Utili, **AA.VV., Civiltà del Seicento A Napoli,** Electa, 1984, p.169. Luigi Tassoni jgħarrafna li Mattia Preti pinġa l-kwadru tal-**Madonna degli Angeli** ta' taverna fl-1661. Fil-fehma ta' Valerio Mariani, Preti pitter il-kwadru titulari tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Għawdex madwar l-1678. Mbagħad, id-dokumentazzjoni relattiva turina li Preti lesta l-kwadru "Tal-Erwieħ" meqjum fl-istess Parroċċa ta' San Ġorġ fl-1688. L-ordni kronoloġiku ta' dawn il-kwadri jġagħlna nfittxu t-tifsira p[artikolari tat-tixbih li ġibtilkom f'dawn il-kliem ta' Mariella Utili.